# Il-Ftuħ tal-Każin De Paule

## 4 ta' April 1946

Illum, fl-okkażjoni tal-festa ta' Kristu Re qed inxandru rapport esklussiv li deher l-ewwel darba l-Erbgħa 24 ta' April 1946, fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-Każin il-ġdid tal-Banda De Paule. Eżattament, il-post fejn il-każin jinsab fil-preżent. Fiċ-ċentru tal-pjazza ta' Raħal Ġdid, faċċata tat-tempju maestuż dedikat lil Kristu Sultan u patrun tagħna. Dan hu r-rapport:-

Inawgurazzjoni tal-Każin il-ġdid tal-Banda G.M. Fra Anton De Paula - Raħal Ġdid

Kif kien tħabbar fil-ħarġa ta' "Il-Berqa" tad-9 ta' April, il-Każin tal-Banda Gran Mastru Fra Anton De Paula ta' Raħal Ġdid inawgura l-ftuħ uffiċjali tal-post il-ġdid f'Misraħ Pawla nhar il-Għid, 21 ta' April 1946. Tista' tgħid li t-thejjijiet għal dan il-ftuħ uffiċjali bdew sa mill-15 tax-xahar, meta l-Kumitat organizza fil-Każin kors ta' eżerċizzi spiritwali għas-soċi u l-ħbieb - eżerċizzi li damu sejrin tlitt ijiem.

Kienet xena konsolanti li tara rġiel miżżewġa u żgħażagħ jisimgħu l-kelma għaqlija tal-predikatur, iżda aktar solenni kienet id-dehra ta' ġemgħa kbira mitfugħa f'riġlejn il-konfessuri mqassmin fl-irkejjen tal-Każin bi thejjija għat-Tqarbina Ġenerali.

Daħla sa ġewwa l-Każin fil-jiem ta' qabel il-festa kienet tkun biżżejjed biex turik il-ħerqa li biha kienu qed isiru l-arranġamenti għall-festa - festa li l-Kumitat kien deċiż li jtiha l-importanza xierqa għall-għanijiet tagħha.

"L-iskop tal-festa", qalli l-President, "huwa msejjes fuq żewġ għanijiet. L-ewwelnett permezz ta' din l-okkażjoni nilqgħu, inqimu u nsellmu ċivikament u pubblikament lill-għażiż Arċisqof tagħna, u t-tieninett il-ftuħ uffiċjali ta' dan il-Każin". U tabilħaqq hekk sar, għaliex il-poplu bi ħġaru ta' Raħal Ġdid laqa' bid-dmugħ ferrieħi lir-Ragħaj tiegħu.

Il-Każin G.M. de Paula

Il-Każin G.M. de Paula ilu wieqaf 36 sena. Matulhom dejjem issielet għall-eżistenza tiegħu għax sa minn twelidu ra għawġ kbir u qtigħ ta' qalb u sab l-egħdewwa wkoll. Iżda issa jidher li mhux biss irpilja mill-iżvantaġġi li sab, iżda għeleb kull tfixkil billi ssaħħaħ fil-qagħda tiegħu taħt it-tmexxija għaqlija u attiva tas-Sur Emilju Camilleri, Port Sanitary Inspector. Ried ikun il-karattru sod, kattoliku u altruwista ta' dan il-President anzjan biex ikabbar u jsaħħaħ lil dal-Każin. Fatt li s-soċi għalanija jaqblu miegħu u l-konforma ta' dan hija li s-sur Camilleri ilu President mill-1929 sal-lum. Dan il-perijodu brillanti ġie mxellef biss għal tliet snin meta l-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni ta' Raħal Ġdid kellha titbiegħed minn darha biex tieħu kenn fl-irħula matul il-gwerra. Minkejja dan is-sur Camilleri baqa' jinħatar f'dawn il-waqt bħala President Onorarju. Il-passi ġgantin ta'

progress, li saru fi żmien dan il-President huma kbar, speċjalment meta wieħed iġib quddiem għajnejh li fl-1929 il-Każin kellu 15-il ruħ biss soċi u llum jilħaq in-numru sabiħ ta' 50 Bandisti u fuq l-400 membru.

F'post kbir bħal Raħal Ġdid, ċentru industrijali u dar il-ħaddiem, dejjem kienet tinħass il-ħtieġa ta' 'Dar tal-Ħaddiema', fejn wieħed ikun jista' jqatta' siegħa onestament wara jum xogħol. Ġewwa dan il-Każin, iż–żagħżugħ u r-raġel miżżewweġ jista' bla ma jidned, isib ftit tal-mistrieħ. J'Alla l-Każini ta' Malta jimxu dejjem fuq it-tagħlim u l-prinċipji insara u ma jippermettu qatt li jservu ta' bejta u kenn għad-diżonest u l-ħalliel tal-familja.

Il-programm tas-Sibt infetaħ fil-5.30 p.m. Il-Banda Gran Mastru de Paula esegwiet marċijiet brijużi fit-triqat ewlenin ta' Raħal Ġdid minn fejn baqgħet miexja għal fuq il-planċier. Inbeda programm imżewwaq b'mużika u bċejjeċ ta' opri.

Is-Sur C. Dimech, Viċi-President, ippreżenta bukkett fjuri għan-nom tal-Każin lis-surmast żagħżugħ u enerġiku C. Baldacchino.

Tberik u Konsagrazzjoni

Nhar il-Għid fis-7.30 a.m. l-Eċċellenza Tiegħu Mons. E. Galea, Isqof Titulari ta' Tralles, qaddes Quddiesa letta. Numru kbir tqarbnu u bidlu l-Bullettin. Wara l-Quddiesa l-Isqof bierek il-Każin. Saret il-Konsagrazzjoni tas-soċi u l-Każin lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

Fil-5.00 p.m. il-Banda Queen's Own ta' l-Isla, taħt it-tmexxija tas-Surmast Muscat Azzopardi bdiet marċijiet minn Kospikwa Road għal Misraħ Pawla. Fis-5.45 p.m. waslet fuq il-planċier quddiem il-Każin. Serbut ta' Boy Scouts, Pawla u Tarxien, skjieraw quddiem il-Każin. Sadattant il-poplu kien kiber sewwa.

Fis-6.00 p.m. wasal l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Sir Michael Gonzi, Arċisqof Metropolitan, li ġie milqugħ mill-President tal-Każin u l-Kleru fost l-applawsi tal-folla. Wara li ndaqq l-Innu tal-Papa, l-Arċisqof mexa għall-Każin minn qalb 'guard of honour' ta' l-iScouts u fost il-għajjat u t-tixjir tal-bandieri bojod u sofor fl-idejn innoċenti tat-tfal ta' l-Azzjoni Kattolika.

Ftit minuti wara wasal l-Eċċellenza Tiegħu Sir David Campbell, l-Uffiċjal li qed jamministra l-Gvern, imsieħeb mis-Sur E. Camilleri O.B.E. l-Aġent Loktenent Gvernatur. Indaqq il-God Save the King u wara, flimkien ma' l-Arċisqof, telgħu fis-sala fejn sabu jilqgħuhom il-mistednin.

Taħdita tal-President

Il-President, wara li radd ħajr lill-Gvernatur u lill-Arċisqof talli għoġobhom jonoraw lill-Każin bil-preżenza tagħhom, beda diskors billi fisser l-iskop ta' din l-inawgurazzjoni, li aħna ġa fissirna aktar 'il fuq. Wara tkellem fuq fuq dwar il-ħajja u l-ħidma tal-Każin. Semma mbagħad l-importanza tal-Każini għal Malta, l-hekk imsejħa "Community Centres" mill-poplu Ingliż, ċentri li minnhom għandha tikber